MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru 875/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Zahra** ta' 28 sena, bin Angelo u Victoria *nee'* Abela, imwieled Attard, fil-31 t'Ottubru, 1975, residenti 124, Milton, Flat 2, Telghet Gwardamangia, Pieta' , detentur tal-karta tal-identita' numru 545075M;

Talli fit-22 ta' Marzu, 2002, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm500.00 u inqas minn Lm1,000.00 ghad-annu tal-kumpanija Hansa Wines and Spirits u dan bi ksur tal-artikoli 18, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, u xjentement b'kull mod iehor li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikoliu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali datat 14 t'Ottubru 2004 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif ukoll hadet konjizzjoni tal-fatt illi l-imputat hallas l-ammont indebitament mehud minghand l-kwerelanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 18, 308, 309 u 334 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat fejn ghalkemm hemm registrati xi offizi, ma hemm xejn ta' natura gravi u ghalhekk minflok li tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija, qed tillbierah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt (6) xhur mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret bi kliem car l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------